# Beati u Qaddisin...Novembru

## IL-BEATU GIOVANNI DUNS SCOTUS (C. 1266-1308)

## NOVEMBRU 8

Bniedem umli ghal ahhar, Giovanni Duns Scotus kien wiehed mill-frangiskani l-aktar influwenti matul is-sekli. Twieled gewwa Duns f'Berwick l-Iskozja minn familja sinjura li kienet tahdem fil-biedja. Fis-snin li gew wara, huwa kien identifikat bhala Giovanni Duns Scotus biex wiehed jifhem li dan il-qaddis kien gej minn Duns, ir-rahal fejn twieled.



Giovanni ircieva l-ilbies ta' frangiskan gewwa Dumfries fejn zijuh Elija Duns kie superjur.

Huwa gie ordnat sacerdot fis-sena 1291 wara li temm in-novizzjat u studju gewwa Oxford u Parigi. Huwa ma waqafx hawn u kompla l-istudji sas-sena 1297. Erba' snin wara huwa beda' jghallem gewwa Parigi u fl-istess hin spicca l-kors ta' dottorat.

Kien bniedem intelligenti hafna u dik il-kwalita', ir-re Filippu imlaqqam il-Fra ried juzaha fi kwestjoni li kellu mal-Papa Bonifacju VIII. Izda Duns Scotus ta' ghaqli li kien irrifjuta u gie moghti tlett ijiem biex ihalli Franza.

Xi zmien wara huwa rega' lura fi Franza, gewwa Parigi biex jkompli jghallem. Huwa persunagg maghruf hafna li ddefenda t-taghlim favur

l-Immakulata Koncezzjoni. L-universita' fejn kien jghallem addottat l-istess linja ta' argumenti tieghu favur din id-domma tal-Kuncizzjoni.

Fis-sena 1307 is-superjuri tieghu assenjawh lil iskola frangiskana gewwa l-Kolonja fejn ftit wara miet.

L-Intelligenza ma tiggarantixxix qdusija. Barra li kien brillanti Scotus kien bniedem umli u ta' talb – il-mudell li xtaq li jkun San Frangisk kull patri tieghu. Fi zmien li n-nazzjonalizmu franciz kien jhedded id-dritt tal-papat, Scotus zamm mal-pap u hallas prezz.L-ideat huma importanti. U Duns Scotus pogga l-ahjar hsibijiet tieghu ghas-servizz ta' l-umanita' u tal-knisja.